**Quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**

**Każ ASF 001/2024**

**RT u IT**

**(‘l-Ilmentaturi’)**

**Vs**

**GasanMamo Insurance Ltd. (C 3143)**

**(‘GasanMamo’) u**

**Thomas Smith Insurance Agency Ltd.**

**(C 5637) (‘Thomas Smith’)**

**(‘il-Provdituri tas-Servizz’)**

**Seduta tal-15 ta’ Lulju 2024**

**L-Arbitru,**

Wara li ra l-Ilment magħmul kontra s-soċjetajiet *GasanMamo Insurance Limited* (‘*GasanMamo*’) u *Thomas Smith Insurance Agency Limited* (‘*Thomas Smith*’) (‘il-Provditur/i ta’ Servizz’) dwar il-polza ta’ assikurazzjoni fuq l-ivvjaġġar bin-numru 5671TIP1221 favur l-Ilmentaturi.

L-Ilment, fis-sustanza tiegħu, jittratta r-rifjut tal-Provdituri tas-Servizz li jkopru ammonti inkorsi mill-Ilmentaturi minħabba li l-vjaġġ li kellhom ippjanat għall-qamar-il għasel tagħhom ġie kkanċellat minħabba kundizzjoni medika tal-Ilmentatur.

## *L-Ilment*[1]

L-Ilmentaturi spjegaw li l-Ilment tagħhom jikkonċerna talba fuq polza tal-assikurazzjoni fuq l-ivvjaġġar akkwistat mingħand *Thomas Smith* minħabba vjaġġ tal-qamar-il għasel ġewwa l-iSri Lanka u t-Turkija li kien ippjanat li jsir bejn is-6 u l-20 ta' Novembru 2022.

Spjegaw li l-polza nxtrat fit-22 t'Ottubru 2022. Komplew jispjegaw li fl-24 t'Ottubru, filgħaxija, żviluppaw dbabar severi fuq il-ġisem kollu tal-Ilmentatur u mar il-klinika tal-komunità fejn minn hemm ingħata struzzjonijiet biex imur id-dipartiment tad-dermatoloġija ġewwa l-Isptar *Mater Dei.*

L-Ilmentaturi komplew jispjegaw li fil-25 t'Ottubru ġie eżaminat minn Dr Dillon Mintoff u kien f'dan il-punt li ġie infurmat li kien qed isofri minn *Chronic Idiopathic Urticaria,* li wassal għat-tħassir tal-vjaġġ li kellhom ippjanat, fuq il-parir tat-tabib, minħabba testijiet perjodiċi u medikazzjoni li l-Ilmentatur ġie ordnat jieħu.

L-Ilmentaturi komplew jgħidu kif fil-31 t'Ottubru 2022, huma kkanċellaw il-vaganza tagħhom għar-raġunijiet mediċi msemmija. Qalu kif l-aġent tal-ivvjaġġar tagħhom informahom li ma setax jirrifondilhom id-depożitu u li l-Ilmentaturi kellhom iħallsu l-pagament sħiħ għall-vjaġġ, ħlief numru ta' rifużjonijiet żgħar kif indikat fid-dokumentazzjoni mehmuża mat-talba.[2]

L-Ilmentaturi issottomettew illi huma għamlu talba lill-kumpanija assikuratriċi għad-depożitu u l-bilanċ li kellu jitħallas lill-aġenzija, iżda l-kumpanija assikuratriċi m'aċċettatx it-talba billi qalet li l-kundizzjoni medika kienet magħrufa minn qabel.

L-Ilmentaturi issottomettew li l-Ilmentatur kien spjega li għalkemm kien sofra minn *rash* ħafif f'Lulju 2022, kien issa li sar jaf li din kienet *Chronic Idiopathic Urticaria* u ma kellu ebda raġuni għala jiżvela dan max-xirja tal-assikurazzjoni peress li sar konxju issa meta kien ikkonsulta ma' tabib għal mard kroniku u, kemm hu hekk, li t-tabib tal-familja li kien rah f'Lulju 2022 lanqas biss kien iddijanjostikah b'*Chronic Idiopathic Urticaria* dak iż-żmien.

---

[1] Formola tal-Ilment minn Paġna (P.) 1 - 8 b'dokumentazzjoni addizzjonali minn P. 9 - 81.

[2] Dok. B minn P. 29.

L-Ilmentaturi nnotaw li ittra minn Dr Stephanie Frendo, it-tabiba li eżaminat lill-Ilmentatur fl-24 t'Ottubru 2022 u li kitbet ir-riferiment lill-Isptar *Mater Dei,* tispjega li wara l-eżami inizjali tagħha issuspettat fi *Chronic Idiopathic Urticaria* u li l-pazjent ma kienx konxju tagħha fil-passat.

L-Ilmentaturi spjegaw li wara ħafna korrispondenza ta' natura legali, intbagħtet ittra legali bil-miftuħ għal rikonsiderazzjoni finali min-naħa ta' *Thomas Smith*, li ġie avżat li l-materja kienet ser tiġi referuta lill-Arbitru. Issottomettew li *Thomas Smith* baqgħu fermi fil-pożizzjoni tagħhom li ma jkoprux it-talba għar-raġunijiet mogħtija minnhom u kkwotati hekk mill-Ilmentaturi:

*"I am attaching herewith the proposal form which was subscribed to by your client on the 6th November 2022*[3]*. In that form there is a clear warning that he should disclose any ailment for which he was*

1. *Receiving or awaiting medical or surgical treatment at the time of effecting this insurance; or*

2. *Suffering from a serious or chronic illness and/or injury which has required consultation or treatment within the past 12 months (p. 8 of the document) as well as another warning that:*

*You are reminded of the need to disclose any facts which the insurer would take into account in the assessment and acceptance of this proposal. If you have any doubts as to whether certain facts are relevant, ask your local GasanMamo Insurance Office. Failure to disclose all relevant facts may invalidate your policy or may result in your policy not operating fully. Please ensure that you keep a record (including copies of letters) of all information that you supply to us in relation to this proposal. (p. 9).*

*It is beyond doubt that in October 2022, RT required consultation or treatment in connection with his ailment, and therefore in case of doubt he should have disclosed this fact to the insurer. In these circumstances I am instructed to inform you that my clients stand by their assessment."*

[3] Jidher li din hija data skorretta għax tirreferi għad-data meta suppost l-Ilmentaturi kellhom jibdew il-vaganza.

*Rimedju mitlub*

L-Ilmentaturi talbu li t-talba tagħhom tkun koperta mill-assikuratur. Huma talbu l-ħlas tad-depożitu u l-ammonti mitluba mill-aġenzija li jammontaw għal €6,242.

**Ikkunsidra wkoll, fl-intier tagħha, ir-risposta tal-Provdituri tas-Servizz,**[4]

fejn il-Provdituri tas-Servizz spjegaw u ssottomettew kif ġej:

1. *"Issottomettew illi t-talba tal-Ilmentaturi m'għandhiex tintlaqa'.*

2. *Spjegaw li wara li rċevew it-talba inizjali tal-Ilmentaturi, u bi ftehim magħhom, il-Provdituri tas-Servizz kienu qabbdu lil Dr J. Pace biex jeżamina l-istorja medika tal-Ilmentatur u li fir-rapport tiegħu Dr Pace ikkonferma li l-Ilmentatur għandu storja ta' Chronic Idiopathic Urticaria.*

3. *Issottomettew li jaf ikun vera, jew jaf ma jkunx vera, li din il-kundizzjoni setgħet iggravat fl-24/25 t'Ottubru, erbat ijiem wara li l-Ilmentaturi ħarġu l-polza ta' assigurazzjoni fuq l-ivvjaġġar li abbażi tagħha qiegħdin imexxu l-Ilment. Żiedu jgħidu li, però, peress li l-Ilmentatur kien diġà afflitt minn din il-kundizzjoni kronika fiż-żmien li nkiteb għal din il-polza, huwa kien obbligat li jiżvela dan il-fatt meta kien qed jimla l-formola ta' proposta, li l-Provdituri tas-Servizz fissru kif ġej:*

   *'Health WARRANTY claims under Sections D (Personal Accident), E (Cancellation & Curtailment Charges), F (Emergency Medical and Associated Expenses) and G (Hospital Cash Benefit) are subject to the express warranty that any Insured or person with whom the Insured has arranged to travel or stay was not:*

   1. *Receiving or awaiting medical or surgical treatment at the time of effecting this insurance; or*

   2. *Suffering from a serious or chronic illness and/or injury which has required consultation or treatment within the past 12 months."*

[4] P. 89 - 90.

4. *Il-Provdituri tas-Servizz sostnew li anke meta daħħal it-talba, l-Ilmentatur ipprova jostor dan il-fatt partikolari, u ssenjalaw li fit-taqsima tnejn tal-formola tat-talba tagħhom, l-Ilmentatur skorrettament iddikjara li ma kienx isofri minn din it-tip ta' marda qabel.*

5. *Mingħajr preġudizzju għal dak li ssottomettew qabel, u kif qalu li ser jiġi pprovat matul is-smigħ tal-Ilment, il-Provdituri tas-Servizz issottomettew li mhix verità li wieħed jgħid li l-Ilmentaturi ġarrbu l-ammonti li qed jippretendu mingħand l-assikuraturi tagħhom.*

6. *Il-Provdituri tas-Servizz issottomettew li fiċ-ċirkostanzi huma jinsistu li t-talbiet tal-Ilmentaturi huma għal kollox infondati u talbu li l-ispejjeż tal-Ilment ikun a karigu tal-Ilmentaturi."*

**Seduti**

Fl-ewwel seduta li saret fit-12 ta' Marzu 2024, ġie stabbilit li l-Provdituri tas-Servizz ma humiex jinnegaw li l-Ilmentatur fil-fatt ma kienx f'pożizzjoni li jsiefer skont kif kien ibbukkja l-vjaġġ, iżda qed isostnu li l-Ilmentatur ma kienx veritier meta xtara l-assikurazzjoni rigward il-kundizzjoni medika tiegħu.

Sar qbil li fis-seduti li jmiss tinstema' x-xhieda tat-tobba li eżaminaw lill-Ilmentatur qabel ma xtara l-assikurazzjoni u tat-tobba li rawh meta ddaħħal l-isptar.[5]

Ġie stabbilit ukoll li d-depożitu tal-vjaġġ (€1,000) ġie mħallas lill-aġenzija fit-12 ta' Settembru 2022. Il-kwotazzjoni għall-kopertura tal-assikurazzjoni għall-ivvjaġġar ħarġet fil-15 t'Ottubru wara li *Turkish Airlines* avżaw li l-*flight* ġiet ikkanċellata. Id-data tal-vaganza, inbidlet għal bejn is-6 u l-20 ta' Novembru 2022 u sar il-pagament dwar il-polza fit-22 t'Ottubru 2022.[6]

Meta ġiet ikkanċellata l-vaganza, l-aġenzija tal-ivvjaġġar infurmat li kien irnexxielha biss takkwista rkupru ta' €685 u, eventwalment, fetħet kawża l-qorti kontra l-Ilmentaturi biex tirkupra l-ispejjeż u, għalhekk, l-Ilmentaturi qed

[5] P. 110 Wara l-Arbitru ħareġ digriet biex tinstema' biss ix-xhieda tat-tabib tal-familja, Dr Paul Farrugia, li eżamina lill-Ilmentatur qabel ma xtara l-assikurazzjoni għax ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-kundizzjoni tal-Ilmentatur meta ddaħħal l-isptar. L-Arbitru wkoll insista fuq ix-xhieda ta' Dr J. Pace, il-Konsulent Mediku tal-Provdituri tas-Servizz.
[6] P. 97

jippretendu li l-Provdituri tas-Servizz jgħinuhom fil-kawża u jħallsu jekk il-kawża tintilef.[7]

Ġie ippreżentat ir-Rapport tal-Konsulent Mediku tal-Provdituri tas-Servizz, Dr J. Pace li ddikjara:

*"(Complainant's) medical history shows he has a history of Chronic Idiopathic Urticaria. He was on treatment for this condition with antihistamines and steroid tablets sincle July 2022. It appears that his condition(ed) worsened on the 24, 25/10/2022 and he was started on Ciclosporin."*[8]

Ix-xhieda tat-tobba msejħa nżammet waqt seduta fis-27 ta' Mejju 2024.

Xhieda tat-tabib tal-familja, Dr Paul Farrugia:

"***Jiena Dr Paul Farrugia (K.I. 64763M), noqgħod Ħal Kirkop u kont naħdem bħala GP għax issa m'għadnix naħdem. Ngħid li jiena kont il-GP tas-Sinjuri TT.***

***Ngħid li ser nitkellem meta kellu l-każ tal-allerġija, l-urticaria. Ngħid li skont ir-records tiegħi, jien kont rajt lis-Sur RT l-ewwel darba fl-4 t'Awwissu 2022, fejn kellu forma ta' allerġija u tajtu l-mediċina. Fin-noti tiegħi għandi 'urticaria', forma ta' allerġija. It-terminu tan-nies normali, hija allerġija u l-kelma 'urticaria' hija kelma medika għal allerġija.***

***Ngħid li 'urticaria' hija allerġija, jkollok qishom ponot, jintefħu ftit, ikollok il-ħakk bħal meta tkun ħadt xi ħaġa jew kilt xi ħaġa li ma taqbilx miegħek u jista' jkun li tiġi waħeda. Il-ġisem tagħna stess jagħmel allerġija u ma jkunx hemm raġuni għalfejn. L-urticaria tista' tiġi kkaġunata minn xi ikel, xi mediċini, xi kuluri fl-ikel; u jista' jkun ukoll li l-ġisem minn xejn jaqbad u jagħmel allerġija mingħajr raġuni ta' xejn.***

***Ngħid li meta ġie għandi s-Sur RT, l-proċedura tiegħi hi li nistaqsi jekk kielx xi ħaġa, jekk ħax xi mediċina, jekk ħax xi ħaġa mhux tas-soltu, jekk ħax xi ħut għax il-ħut jagħmel ħafna allerġija; staqsejtu jekk kienx hemm xi ħaġa mhux tas-soltu imma mid-dehra ma kien hemm xejn speċjali, però, l-ewwel darba jista' jkun hemm xi allerġija li ma tkunx taf biex u tieħu ftit mediċina u jgħaddi. U fil-każ tiegħu, għadda.***

---

[7] Ġie kkontestat li l-aġenzija tal-ivjaġġar ma ppreżentatx prova li, fil-fatt, l-ammont mitlub (€6,242) tħallas.

[8] P. 112

***Ngħid li s-Sur R kellu l-ponot, kellu l-ħakk bħal meta jkollok allerġija. Ngħid li meta wieħed jiġi għall-ewwel darba b'urticaria ma tistax tgħid li kronika għax biex urticaria tkun kronika trid tkun ilek aktar minn sitt ġimgħat, jiġifieri fl-ewwel ġurnata ma tistax tgħid; jaf tmur l-urticaria, jaf tisparixxi. Taf ma ddumx sitt ġimgħat, jiġifieri ma tkunx taf."***[9]

Fil-kontroeżami, Dr Farrugia kompla jgħid:

"***Nikkonferma li fl-4 t'Awwissu 2022, l-ewwel darba li rajt lis-Sur RT, id-diagnosi li tajt kienet urticaria. Ngħid li urticaria tista' ddum ġurnata, jew tnejn jew tlieta; tista' ddum sitt ġimgħat u tista' ddum xhur. Jiena s-soltu meta nkun qed nitkellem mal-pazjent inħobb nispjega ħafna x'għandhom u x'ma għandhomx in-nies. Fl-ewwel ġurnata, jien mhux ser ngħidlu li din tista' ddum sena, sentejn. Imma meta bniedem jibda jiġi aktar minn darba, tnejn, tlieta u naraw li l-kundizzjoni ser tibda ġġebbed, nispjegalhom li din tista' ddum.***

***Ngħid li l-ewwel ġie fl-4, imbagħad ġie fit-8, imbagħad, ġie fit-13 t'Awwissu. Meta nara li l-affarijiet ma jistgħux imorru, iva infiehemhom li din il-kundizzjoni tista' tieħu xhur u anke snin.***

***Ngħid li jiena ma nkunx naf eżatt x'ġara. Jien għandi l-proċedura tiegħi f'każijiet bħal dawn: meta nara li għaddiet ġimgħa, ġimagħtejn u l-affarijiet baqgħu sejrin nibda nispjega għax il-pazjent ikun imdejjaq. Jien għandi pazjenti li damu snin b'dawn l-affarijiet. Ma nafx eżatt kif kien il-kliem dakinhar imma l-probabilità hi li tkellimt miegħu dakinhar li tista' ddum u ma ssibx raġuni għalfejn.***

***Ngħid li jien rajt lis-Sur RT  fl-4, fit-8 u fit-13 t'Awwissu; dawn kienu wara xulxin. Imbagħad, għadda perjodu u rajtu fit-12 ta' Settembru bl-istess kundizzjoni ta' urticaria. Reġa' ġie fit-23 ta' Settembru u meta dakinhar rajt li l-affarijiet mhux qed jirranġaw kif xtaqt, għidtlu biex ikellem speċjalista dermatologu li hu speċjalista fuq dawn l-affarijiet. Jien tajtu mediċina tal-allerġija, tajtu steroids aktar minn darba u fejn ippretendejt li l-kundizzjoni ser tiġi għall-aħjar, ma ġietx għall-aħjar u, allura, mbagħad, kelli naqa' għal konsulent biex naraw il-kundizzjoni tiegħu.***

[9] P. 118 -119

***Ngħid li jiena rajtu drabi oħra wara, imbagħad kont għamiltlu karta għal appuntament l-isptar biex jarah ukoll dermatologu l-isptar. Fil-fatt, suppost rawh fl-14 ta' Novembru.***

***Ngħid li jien rajtu fl-4, fit-8 u fit-13 t'Awwissu u, mbagħad, rajtu fit-12 u fit-23 ta' Settembru u fit-18 t'Ottubru.***

***Ngħid li konna tkellimna fit-23 ta' Settembru 2022 fejn għidtlu li aħjar jara dermatologist.***

***Ngħid li jien m'għandix ir-riżultat ta' meta mar għand l-ispeċjalista imma milli niftakar jidhirli li kien mar għax imbagħad ġie fit-18 t'Ottubru.***

***Ngħid li kien hemm perjodu bejn it-13 t'Awwissu sat-12 ta' Settembru, jiena ma rajtux. Ma nafx x'kellu eżatt. Imma meta ġie fit-12 ta' Settembru kellu sintomi ta' urticaria. Ma nafx qattx marritx jew le meta ma ġiex."***[10]

Xhieda ta' Dr Joseph Pace – (Konsulent Mediku tal-Provdituri tas-Servizz):

"***Ngħid li ġejt inkarigat minn Thomas Smith Insurance biex nara l-medical history tas-Sur RT (K.I. ………..M).***

***Ngħid li mid-dokumenti li ppreżentawli, s-Sur RT ippreżenta żewġ rapporti mill-Isptar Mater Dei. Wieħed kellu d-data tal-1 ta' Novembru 2022 u l-ieħor kellu d-data tal-14 ta' Novembru 2022. Skont dawn iċ-ċertifikati, s-Sur RT kien qed ibati minn Urticaria estensiva li kellha bżonn kura urġenti. U bdewlu l-kura li kellu bżonn is-Sur RT fil-25 ta' Novembru 2022.***

***Ngħid li meta bdewlu din il-kura, ma rrispondiex għaliha u bdewlu kura oħra wara din.  Din il-kura kellha bżonn issir regolari u minħabba dan ikkanċella l-vjaġġ li kellu fis-6 ta' Novembru 2022.***

***Mistoqsi rajtx xi records oħra tal-kundizzjoni tas-Sur RT qabel Novembru, ngħid li meta rajt il-medical records ta' Mater Dei, kien hemm żewġ Tickets of Referral (il-formola li nimlew biex tabib jibgħat lil xi ħadd l-isptar) li kienu jirreferuh għall-Outpatient tad-Dermatoloġija. Id-dati ta' dawn ir-Referrals huma l-24/10/2022 u l-oħra l-25/10/2022.***

[10] P. 119 - 120

***Fihom hemm imniżżel li dan huwa persuna ta' 26 sena li jbati minn Chronic Idiopathic Urticaria u li kienu rawh privatament f'post jismu Derma; u li kien qed jieħu mediċini, antihistamines u steroids li, skont dawn id-dokumenti, kien ilu jeħodhom minn Lulju u li kellu sintomi gravi u li baqgħu jittrattawh.***

***Dan hu dokument online maħruġ minn Dr Stephanie Frendo li kienet l-ewwel punt ta' referenza meta l-marda b'mod ċar saret kronika fl-24 t'Ottubru meta l-klijent l-ewwel mar il-Kirkop Health Centre fejn imbagħad ġie referut għal Mater Dei.***

***Ngħid li fil-medical history ma rajtx aktar dokumenti qabel dawn li semmejt."***[11]

Fil-kontroeżami, Dr Pace kompla jgħid:

"***Mistoqsi naqbilx li jien l-ewwel darba li rajt il-kelma Chronic Idiopathic Urticaria kienet fid-dokument datat 24 t'Ottubru 2022, ngħid li iva.***

***Qed jingħad li jien tajt parir mediku abbażi tal-esperjenza medika tiegħi lill-kumpanija tal-assigurazzjoni. Mistoqsi naqbilx li jekk wieħed ikollu Urticaria, xi forma ta' irritazzjoni fil-ġilda, mhux neċessarjament tkun kundizzjoni kronika, ngħid li l-Urticaria tista' tkun akuta – tagħtik darba – u ma terġax tagħtik. Però, hemm Urticaria li hija kronika.***

***Qed jingħad li jekk wieħed ikollu raxx jew irritazzjoni mhux neċessarjament tkun kundizzjoni kronika, ngħid li int ma tkunx taf li hija kundizzjoni kronika from day one. Tiġi kronika mill-mod kif tiżvolġi matul iż-żmien. U mill-eżamijiet li jsiru. Jista' jiġik xi ħadd li kiel xi ħaġa li ma taqbilx miegħu u joħroġlu r-raxx, l-Urticaria, u jgħaddilu u qatt ma tarah aktar. Imbagħad, jiġuk nies li l-ħin kollu bl-Urticaria u ma nafux għalfejn, ġejja u sejra. Imma dik, eventwalment, tiġi investigata u tiġi labelled Chronic Urticaria."***[12]

Sar ukoll il-kontroeżami tax-xhieda tal-Ilmentatur li qal:

"***Nikkonferma li jien mort għand Dr Paul Farrugia fid-dati li semma' fix-xhieda tiegħu.***

---

[11] P. 121 - 122
[12] P. 122

*Ngħid li għalkemm kont qed nikkontrollaha, l-urticaria, wara li jgħaddi l-effett tal-mediċina, kont nerġa' bl-istess sintomi u għalhekk kont immur għand Dr Farrugia biex jiggwidani x'għandi nagħmel.*

*Mistoqsi Dr Farrugia spjegalix x'kienet u ma kinitx din l-urticaria u x'konsegwenzi jista' jkollha, ngħid li kien spjegali għalkemm fil-bidu ġejt infurmat li kienet allerġija il-kelma medika ma kienx qalhieli per se – kien spjegali li din tista' tibda minn allerġija, imma eventwalment, mhux mill-ewwel darba, spjegali li din tista' tasal għal dik il-kundizzjoni; kien jispjegali as we go along.*

*Qed jingħad li bejn Awwissu u Settembru mort xi erba' darbiet għand Dr Farrugia, ngħid, però, lili qatt ma qalli li kienet Chronic Idiopathic Urticaria. Ngħid li lili qatt ma ddiagnosjani bħala Chronic Idiopathic Urticaria patient. Jien din smajtha l-ewwel darba mill-isptar meta mort aktar 'il quddiem.*

*Ngħid li Dr Farrugia spjegali l-konsegwenzi tal-Urticaria safejn ħaseb li ser tasal hu meta, fil-verità, jiena in the long run iggravatli aktar milli ħaseb Dr Farrugia. Ngħid li Dr Farrugia ma kienx aware li kont ser nasal f'dik l-estremità.*

*Mistoqsi x'qalli Dr Farrugia bħala konsegwenzi, ngħid li Dr Farrugia qalli li din hi tip ta' allerġija ta' xi ħaġa li nkun kilt u meta erġajt mort it-tieni darba, qalli li jaf kienet allerġija li ma nafux minn fejn ġiet, mhux neċessarjament xi ħaġa li tkun kilt.*

*Ngħid li Dr Farrugia spjegali l-konsegwenzi tagħha sal-livell li ħaseb li ser tasal fuqi; la jien u lanqas Dr Farrugia ma konna nafu li ser tasal f'dik l-estremità. Infatti, meta wara ħafna żmien erġajt rajtu lil Dr Farrugia kont għidlu, 'Dott, wasalt s'hawn!' Qalli, 'Ma kontx nobsor!'.*

*Ngħid li l-Insurance Proposal kont imlejtha fil-15 t'Ottubru. Naqbel li f'dak iż-żmien kont qed niehu l-antihistamines u l-isteroids biex nimmedika. Jien ma kellix xi ħaġa li timpedini milli nsiefer għax jiena kulma kelli Urticaria, allerġija sempliċi. Ngħid li kont qed nieħu l-isteroids biex inneħħi l-ħmura li kelli. Għall-insurance, jien kont qed nieħu antihistamines bħal kull mediċina oħra.*

***Mistoqsi mill-Arbitru meta mort għand l-ispeċjalista x'qalli differenti minn dak li qalli t-tabib, ngħid li l-ispeċjalista privat ma qalli assolutament xejn differenti u tani l-istess mediċina li tani Dr Farrugia.***"[13]

**Sottomissjonijiet Finali**

Fis-sottomissjonijiet finali tal-Ilmentaturi, irrepetew l-argumenti li l-Ilmentatur għandu dritt għall-kumpens mitlub għax ma kienx naqas milli jiddikjara minn qabel dak li l-Provditur tas-Servizz qed jesiġi li kellu jiġi ddikjarat fil-mument li nħarġet il-polza.

*"Illi jrid jiġi analiżżat mill-Arbitru huwa għalhekk jekk naqsux milli jagħmlu s-segwenti dikjarazzjonijiet l-esponenti TT meta applikaw għall-assikurazzjoni:*

1. *Receiving or awaiting medical or surgical treatment at the time of effecting this insurance; or*
2. *Suffering from a serious or chronic illness and/or injury which has required consultation or treatment within the past 12 months.*

*Illi huwa minn hewl id-dinja li wieħed ma jistax jiddikjara fil-formola tal-assikurazzjoni xi ħaġa li huwa ma hux konsapevoli tagħha u ġaladarba f'dak l-istadju l-kundizzjoni ma kinitx waħda serja u ħadd sa dak il-punt ma kien qal lil RT li din kienet kundizzjoni kronika, ma kienx possibbli li dan jiġi dikjarat f'tali formola;*

*Illi fuq kollox kif spjega kemm Dr Paul Farrugia u kemm Dr Joseph Pace, il-kelma Urticaria hija kelma ġenerika għal kull irritazzjoni li wieħed jista' jkollu fil-ġilda u għalhekk bla dubju la hija xi marda kronika u lanqas serja. Tant hu hekk li għal żmien fejn din l-irritazzjoni fil-ġilda jidher li kienet għebet minn fuqu;*

*Illi jekk wieħed kellu jaddotta t-test tal-ordinary man in the street jew saħansitra tal-bonus paterfamilias, ċertament li m'hemmx lok li bonus paterfamilias jikkonsidra ftit raxx jew irritazzjoni fuq il-ġilda bħala xi kundizzjoni kronika jew serja;*

*Illi huwa minnu li l-kundizzjoni tal-esponent kienet waħda li wasslitu biex jikkonsulta t-tabib tal-familja diversi drabi madankollu dan ma jagħmilhiex*

[13] P. 120 -121

*neċessarjament waħda serja jew kronika. Il-formola kienet tirrikjedi li wieħed jgħarraf jekk ikun 'Suffering from a serious or chronic illness and/or injury and/or injury which has required consultation or treatment withn the past 12 months' madankollu din iċ-ċirkostanza li tikkontempla l-formola tal-assikurazzjoni għandha 2 elementi kumulattivi u mhux alternattivi u cioè li:*

- *Wieħed ikun qed isofri minn marda serja jew kronika; u*
- *Li din tkun irrikjediet konsultazzjoni jew trattament fit-12-il xahar li jkunu għaddew;*

*Illi għalkemm il-kundizzjoni tal-esponent RT kienet wasslitu biex ikellem it-tabib tal-familja, ma kinitx tali li fil-ġudizzju ta' bonus paterfamilias tiġi kkunsidrata bhala 'a serious or chronic illness';*

*Illi b'tixbieħa wieħed jista' jargumenta li persuna li qabadha riħ darbtejn fis-sajf li wassalha biex tmur għand it-tabib tal-familja, darba, tnejn jew tlieta, ma jfissirx li għandha xi kundizzjoni serja jew kronika! Daqstant ieħor l-esponent RT;*

*Illi kellu jkun ftit wara li nxtrat il-polza li din il-kundizzjoni splodiet b'mod immedjat fuq l-esponent RT. Ġaladarba l-polza inxtrat in uberrimae fidei u ma nġabet ebda prova kuntrarja ta' dan, ma hemm ebda raġuni valida fil-liġi biex l-esponent TT ma jkunx intitolat li juża l-polza;*

*L-unika prova li pproduċiet il-kumpanija tal-assikurazzjoni hija prova li tikkonferma dak li ilu jgħid l-esponent RT u cioè li l-kundizzjoni Chronic Idiopathic Urticaria tidher biss fir-records mediċi fir-referral tal-24 t'Ottubru 2022 mit-tabiba Dr Stephanie Frendo, liema tabiba f'rapport sussegwenti li ma ġiex ikkontestat l-ammissibilità tiegħu u lanqas ma ġie kkontroeżaminat, ikkonfermat li l-Urticaria kronika kienet dijanjosi min-naħa tagħha u li l-pazjent ma kienx jaf b'dan!;*

*Illi l-provi huma konsistenti u mhux kontradetti u cioe jidher li inxtrat polza tal-assikurazzjoni in uberrimae fidei mill-esponenti RT u ftit jiem wara inqala' l-ħtieġa li jużawha;*

*Illi wieħed għandu jissottometti li l-iskop aħħari ta' polza tal-assikurazzjoni huwa li jekk wieħed li xtraha b'bona fidei ikun jista' jużaha jekk jikkwalifika skont it-termini tagħha u bir-rispett jiġi sottomess li m'għandux ikun li kumpanija tal-*

*assikurazzjoni tipprova ssib raġunijiet biex ma tkoprix klijenti jekk dawn ma jkunux ċari u evidenti, liema provi ċari u evidenti ma jeżistux fil-każ odjern tant illi l-unika prova ċara, evidenti u mhux kontradetta hija li l-kundizzjoni serja u kronika li impediet lill-esponenti RT milli jsiefer inqalgħet jiem wara li nxtrat il-polza u għaldaqstant il-polza kellha tiġi użata."*[14]

Fis-sottomissjonijiet tiegħu, il-Provditur tas-Servizz saħaq li l-Ilmentatur kien jaf, jew messu kien jaf, li kellu marda serja li setgħet twassal għall-kanċellament tal-vjaġġ li dwaru kien qed jitlob l-assikurazzjoni. Speċifikament qal:

*"Jirriżulta wkoll li meta RT mar l-Isptar Mater Dei, it-ticket of referral tiegħu tal-25 t'Ottubru 2022 jaqra preċiżament li huwa jbati minn 'Chronic idiopathic urticaria seen privately by DERMA. Has been having antihistamines and steroid tablets since July. Course of skin condition waxes and wanes.'*

*Din l-informazzjoni tkompli tikkonferma li RT kien ilu milqut bl-CIU għal mill-inqas tliet xhur qabel ma ssottoskriva l-polza, kien diġà kkonsulta speċjalisti oħrajn privatament għand DERMA (kif ikkonferma wkoll Dr Paul Farrugia) u kien ilu jieħu l-mediċina kontra l-kundizzjoni tiegħu għal mill-inqas tliet xhur.*

*Konsegwentement RT kien jaf, jew messu kien jaf, bil-kundizzjoni kronika tiegħu, u kien mgħobbi bl-obbligu li jinforma lill-propost assiguratur b'dik il-kundizzjoni tiegħu.*

*Huwa daqstant ieħor ċert li kieku kien jaf bil-kundizzjoni tal-propost assigurat, il-propost assiguratur kien ser jiċħad il-propost, jew tal-inqas kien jimponi kundizzjonijiet differenti minn dawk li servew ta' bażi għall-kuntratt konkluż bejn il-partijiet.*

*Fuq talba tal-Arbitru l-esponenti vverifikaw li kien biss fil-21 ta' Ottubru 2022 li s-Sinjura IT tathom l-informazzjoni neċessarja dwar it-titjiriet tagħha sabiex setgħet tinħareġ il-polza ta' assigurazzjoni favur tagħhom.*

*Issa f'materja ta' liġi ta' assigurazzjoni huwa prinċipju bażilari li l-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa bbażat fuq ottima fede (utmost good faith) u l-obbligu ta' full disclosure huwa element essenzjali minn din l-ottima fede. Saħansitra fuq il-website tal-Malta Financial Services insibu din it-tifsira ta' utmost good faith:*

---

[14] P. 144 - 145

*'A duty imposed on both parteis to an insurance contract. It is of greater force than ordinary good faith. The legal duty implies full disclosure of all facts material to the contract during negotiations for the contract'."*[15]

Jgħaddu, mbagħad, biex jagħtu diversi eżempji ta' deċiżjonijiet minn qrati Brittaniċi li jsostnu d-duttrina ta' *'utmost good faith'* f'kuntratt t'assikurazzjoni u sostnew:

*"Huwa ċar li din il-kundizzjoni kienet materja li l-assigurat kien ikun irid jaf biha qabel ma jieħu d-deċiżjoni jekk jaċċettax, u - f'każ affermattiv – taħt liema kundizzjonijiet jaċċetta l-proposta ta' assigurazzjoni magħmula lilu.*

*B'żieda ma' dan kollu, RT kien qed jieħu mediċini għal dik il-kundizzjoni tiegħu u l-proposta kienet speċifikament titolbu jiddikjara fatt bħal dan. Huwa paċifiku li r-rikorrenti naqsu milli jiżvelaw dan il-fatt materjali.*

*Fix-xhieda tagħhom, ir-rikorrenti ddikjaraw li huma kienu marru xi jiem qabel l-21 ta' Ottubru 2022 sabiex jistaqsu dwar it-travel insurance policy inkwistjoni, u l-esponenti ġew mitluba jipprovdu informazzjoni fuq dan il-punt kif, fil-fatt, għamlu. Madankollu, huma jissottomettu bir-rispett li dan il-fatt ma huwiex ta' relevanza għas-soluzzjoni ta' dan il-każ. L-ewwel żjara tar-rikorrenti għand Daniel Cachia ċertament li saret ftit jiem qabel il-21 ta' Ottubru. Mix-xhieda u mid-dokumenti jirriżulta li RT kien ilu sa mill-inqas mit-23 ta' Settembru jaf li l-kundizzjoni tiegħu kienet waħda kronika, u konsegwentement anke f'dik l-ewwel żjara huma xorta kienu obbligati li jiżvelaw l-eżistenza ta' dik il-kundizzjoni."*[16]

**Analiżi u Kunsiderazzjoni**

Fl-opinjoni tal-Arbitru, il-każ jaqa' jew iqum fuq jekk l-istorja medika li kien għaddej minnha l-Ilmentatur kinetx serja biżżejjed biex tiġi rapportata lill-Provditur tas-Servizz fil-mument li kienet qed tinxtara l-polza biex tiġi onorata l-kundizzjoni ċara li kien hemm fil-polza li l-Ilmentatur kellu obbligu jirrapporta jekk huwa kien qed :

- *"Receiving or awaiting medical or surgical treatment at the time of effecting this insurance; or*

[15] P. 151 - 152
[16] P. 153

- *Suffering from a serious or chronic illness and/or injury which has required consultation or treatment within the past 12 months."*

L-Ilmentaturi jsostnu li l-kundizzjoni ma kinetx serja biżżejjed biex isir rapport għax qatt ħadd ma kien qalilhom li l-*urticaria* li kien qed isofri minnha kienet akuta u serja qabel ma ddaħħal l-isptar jumejn wara li kien xtara l-polza.

Min-naħa l-oħra, l-Provditur tas-Servizz jargumenta li l-istorja medika turi li minn tal-anqas xahrejn qabel ma xtara l-polza, l-Ilmentaur kellu diversi konsulti mediċi kemm mat-tabib tal-familja u anke ma' konsulenti speċjalisti tal-ġilda, u li l-mediċina li ingħata kienet turi li l-kundizzjoni tiegħu kienet qed tisserja biżżejjed li kellha tiġi rrapportata meta nxtrat il-polza. Fin-nuqqas ta' dan,  huma jsostnu li l-kundizzjoni bażika tal-polza inkisret b'mod li tintitolahom li jirrifjutaw li jħallsu l-*claim* ilmentata.

L-Arbitru ser jistrieħ sew fuq ix-xhieda li ta Dr Paul Farrugia, t-tabib tal-familja, għax kien hu li investiga lill-Ilmentatur fil-perjodu minn meta l-Ilmentatur kellu l-ewwel indizzji tal-marda sa ftit jiem qabel inħarġet il-polza.

Dr Farrugia qal li l-pazjent mar jarah diversi drabi u qal li eżaminah f'dawn in-dati:

04 t'Awissu 2022

08 t'Awissu 2022

13 t'Awissu 2022

12 ta' Settembru 2022

23 ta' Settembru 2022 (fejn qallu biex jikkonsulta speċjalista)

18 t'Ottubru 2022 (għamillu karta għal appuntament l-isptar biex jarah dermatologu).

Lejn l-aħħar ta' Settembru 2022, skont il-parir ta' Dr Farrugia tat-23 ta' Settembru 2022, l-Ilmentatur għamel konsulta privata għand Derma (speċjalisti tal-ġilda).[17]

[17] P. 154

L-Arbitru huwa tal-fehma li din is-sekwenza ta' viżti mediċi turi b'mod konvinċenti li l-problema ta' *urticaria* kienet fuq skala *crescendo* u, anke jekk sa ma nxtrat il-polza id-dijanjosi ma kinetx espliċitament tirreferi għaliha bħala akuta, dan ma jfissirx li ma kinetx akuta jew li ma kinetx serja biżżejjed li min qed jixtri polza t'assikurazzjoni kellu jassumi li ma kellux għalfejn jiddikjaraha.

L-Arbitru tar-Renju Unit meta jittratta '*Undiagnosed Condition'* rigwardanti koperturi ta' *travel insurance* jgħid:

*"Even if the condition hasn't actually been diagnosed, we might still think there was a significant change in your health.*

*If you were referred urgently to a consultant because of symptoms you were having, then we might think this is a significant change in health which you should tell your insurer about. We may not expect you to wait for a formal diagnosis before recognising that you're experiencing a significant change in health.*

*If your doctor referred you for routine or minor tests, that doesn't mean automatically you have a significant change in health that you should report to the insurer."*[18]

L-Arbitru huwa tal-fehma li '*crescendo'* fil-każ tal-*Urticaria* li kien qed ibati minnha l-Ilmentatur, kienet kundizzjoni li kellu l-obbligu li jirrapportaha lill-assigurazzjoni meta xtara l-polza. Dan meta jiġi kkunsidrat li għamel saħansitra sitt viżti lit-tabib tiegħu fi żmien xahrejn u nofs, li dan it-tabib tal-familja kien iggwidah biex imur jikkonsulta speċjalista u li biss erbat ijiem qabel xtara l-polza, għamillu karta biex imur jara dermatologu fl-isptar *Mater Dei.*

Fuq kollox, il-kundizzjoni tal-polza kienet li huwa kellu l-obbligu li jiddikjara xi marda jekk huwa kien qed:

*"Receiving or awaiting medical or surgical treatment at the time of effecting this insurance"*

*jew*

[18] https://www.financial-ombudsman.org.uk/consumer/complaints-can-help/insurance/travel-insurance/change-in -health - accessed 19. 06.2024

*"Suffering from a serious or chronic illness and/or injury which has required consultation or treatment within the past 12 months."*

Fl-opinjoni tal-Arbitru, il-kundizzjoni li kien fiha meta xtara l-polza u dak li kien għadda minnu fl-aħħar xahrejn u nofs kienet serja biżżejjed li kellha tiġi ddikjarata lill-assikuratur speċjalment meta kien diġà kellu viżta ma' speċjalista u kellu karta mit-tabib tal-familja biex imur jara dermatologu ġewwa l-isptar. In-nuqqas tal-Ilmentatur li jiddikjara lill-assikuratur it-trattament u l-konsulti mediċi li kien qed jinkorri jikser il-prinċipju bażiku ta' '*utmost good faith'* li fuqu huwa bbażat il-kuntratt ta' assikurazzjoni.

**Deċiżjoni**

Skont Artiklu 19(3)(b) ta' KAP. 555 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Arbitru jrid jiddeċiedi u jagħti ġudizzju fuq ilment b'referenza għal dak li, fil-fehma tiegħu, ikun ġust, ekwu u raġonevoli fiċ-ċirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-każ.

Għar-raġunijiet spjegati hawn fuq, l-Arbitru qed jiċħad dan l-Ilment u jordna li kull parti ġġorr l-ispejjeż tagħha tal-każ, b'simpatija lejn il-problemi li l-mard ġab fuq l-Ilmentatur.

**Alfred Mifsud**
**Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**

**<u>Nota ta' Informazzjoni relatata mad-Deċiżjoni tal-Arbitru</u>**

*Dritt ta' Appell*

Id-Deċiżjoni tal-Arbitru legalment torbot lill-partijiet, salv id-dritt ta' appell regolat bl-artikolu 27 tal-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji (Kap. 555) ('l-Att'), magħmul quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fi żmien għoxrin (20) ġurnata mid-data tan-notifika tad-Deċiżjoni jew, fil-każ li ssir talba għal kjarifika jew korrezzjoni tad-Deċiżjoni skont l-artikolu 26(4) tal-Att, mid-data tan-notifika ta' dik l-interpretazzjoni jew il-kjarifika jew il-korrezzjoni hekk kif provdut taħt l-artikolu 27(3) tal-Att.

Kull talba għal kjarifika tal-kumpens jew talba għall-korrezzjoni ta' xi żbalji fil-komputazzjoni jew klerikali jew żbalji tipografiċi jew żbalji simili mitluba skont l-artikolu 26(4) tal-Att, għandhom isiru lill-Arbitru, b'notifika lill-parti l-oħra, fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata min-notifika tad-Deċiżjoni skont l-artikolu msemmi.

Skont il-prattika stabbilita, id-Deċiżjoni tal-Arbitru tkun tidher fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji wara li jiskadi l-perjodu tal-appell. Dettalji personali tal-ilmentatur/i jkunu anonimiżżati skont l-artikolu 11(1)(f) tal-Att.